~~rkubtejh hada t-tifel tiegħu, Jexwagħ, ibuslu qiegħ saqajh u jgħidlu: 'Adonaj, Adonaj' Kif, mela min ikun f'għaqlu jagħti qima lil ibnu u jbuslu saqajh u jgħidlu 'Adonaj'?" u Jagħqub qabad jidħak.~~

~~"Tidħakx, ibni, tidħakx." wieġbu missieru. Ismagħni x'sa ngħidlek, u kliemi żommu f'moħħok, għax għad tiġi fih. Int għandek ħmistax-il sena; qabel tagħlaq il-ħamsin, int ukoll toqgħod għar-rkubtejk quddiem Jexwagħ u tgħidlu: 'Adonaj, Adonaj'."~~

* * *

~~U kemm il-darba lil Jagħqub ġieh quddiem għajnejh il-kliem ta' missieru meta laħaq l-ewwel Isqof ta' Ġerusalem!~~

~~FRA ŻARENU, O.F.M.~~

# IL-ĦANUT TA' SAN ĠUŻEPP

Ġewwa Nazaret, San Ġużepp kellu żewġt idjar. Djar, m'għandniex xi ngħidu, kif kienu d-djar ta' dak iż-żmien u f'dak il-pajjiż: jiġifieri griebeġ; kamra waħda, tas-sejjieħ, tinfed ma' għar. Dar waħda, bgħida mill-oħra xi mitejn pass, u aktarx kienu magħluqa f'għalqa waħda, ta' San Ġużepp ukoll, fejn kien jiżra' xi ħaġa.

F'dar minnhom kienet toqgħod il-familja — il-Madonna, Ġesù Bambin, San Ġużepp u xi żewġ nagħġiet u ħmar — fl-oħra kien iżomm ix-xogħol li kien jaħdem, bħal imħaret u xtabi u għodda oħra tal-fellaħin. Taħt din id-dar, jew ħanut, San Ġużepp kellu għar kbir ġmielu, li kien jaħdem ġewwa fih. Ma kienx għar mudlam, għax kellu żewġ fetħat fis-saqaf, kbar, li jinfdu għal għalqa, li minnhom kienu jidħlu l-arja u d-dawl. Hawn mela, nistħajjluna naslu wasla sa Nazaret, inħarsu lejn ir-raħal, u nżuru żjara bil-għaġla lil dan il-għar.

Nazaret huwa mdawwar bil-għoljiet minn kull imkien, barra naħa waħda. Il-għoljiet ta' ma' dwaru jduru miegħu bħal nagħla. Il-lum hemm il-bini maddjul tal-għoljiet kollha, imma fiż-żmien li kien igħammar fih San Ġużepp, ma kienx imgħammar ħlief ħanek ta' art għoli, ftit 'il fuq mill-għajn, f'nofs innagħla tal-għoljiet li semmejna fuq. Il-Franġiskani, dal-aħħar, dal-ħanek ħaffruh sal-blat, għax sa jibnu hemm knisja ġdida tal-Lunzjata, u l-fdalijiet tal-fuħħar li sabu taħt id-djar u ma' dwarhom, juru li n-nies li kienu jgħammru hemm, kienu foqra għall-aħħar, u jgħixu bis-sħiq u l-lgħiq. Fost dawn il-foqra għogbu jitrabba Ġesù, u kien joqgħod mal-Madonna, San Ġużepp.

Bħal issa, fuq l-imkien fejn l-Anġlu deher lill-Madonna, ma hemmx knisja, għax dik li kien hemm ħattewha l-Franġiskani biex jibnu knisja akbar, u għadhom ma bdewhiex. Imma l-Għar tal-Lunzjata, billi jinsab taħt l-art, għadu hemm, u fih erba' artali li jqaddsu fihom kulljum. Il-knisja li jsiru fiha l-funzjonijiet, bħal issa, hi dik li hemm fuq il-ħanut ta' San Ġużepp, li hi kbira sewwa, u ġdida, għax mibnija fl-1914. Immorru narawha ftit.

Dil-knisja hi ta' stil Romanesk, kif u d-daqs li kienet, fi żmien is-Salibin, jew Kroċjati; magħmula qisha żewġ knejjes fuq xulxin, knisja fuq u knisja taħt. Ta' fuq għolja u sabiħa, wieqfa fuq l-arki u l-kolonni, u l-art kollha tarrħam. Ta' taħt baxxa, imma fiha l-artali u jqaddsu fiha wkoll. Il-Franġis-

kani għamlu dan biex iżommu bħal ma kienu l-fdalijiet qodma li sabu madwar il-ħanut ta' San Ġużepp. Għax kieku għamlu knisja waħda, l'fdalijiet qodma kienu jkunu koroh, hemm, f'nofs il-knisja. Imma hekk knisja fuq, nadifa u lixxa, u knisja taħt bil-fdalijiet qodma, imma għeżież, fiha, ġiet aħjar.

X'inhuma dawn il-fdalijiet? Żewġ vaski, tlitt ibjar, żewġ fetħat li jagħtu ġewwa l-għar ta' taħt il-knisja, u taraġ li tinżel għal ġewwa l-għar minnu. Vaska minnhom kienet għażiża sewwa, Alla u l-Iben t'Alla, jaħdmu, jaqtgħu l-egħwwied, iħanxru bil-munxar, jonġru bil-manġra u l-lexxun, u donnok tismagħhom jitkellmu jew jgħannu s-Salmi, vers kull wieħed, kif kienu jagħmlu waqt ix-xogħol il-Lhud. Tbus dak il-blat imqaddes u tgħidlu: "Blat ja blat, x'xorti għandek! Kemm nixtieqek taf titkellem! Kieku, kemm għandi x'insaqsik!"

Biex tinżel ġewwa l-għar, tgħaddi minn taraġ dejjaq maqtugħ bħal "tunnel". Fuq l-aħħar tarġa hemm bieb



NAŻARET. — Il-Għar, taħt il-Bażilka, fejn kien jaħdem San Ġużepp u miegħu t Tfajjel Ġesù. Il-Għar għadu sewwa sew kif kien fi żmienu.

għax il-ħitan tagħha kienu miksija birrħam u l-qiegħ tagħha u seba' tarġiet ta' l-inżul, miksija bil-mużajk.

Meta tkun Nazaret u timxi qrib din il-knisja, tithenna meta tiftakar li int tirfes l-art li min jaf kemm rifisha Ġesù Bambin, meta kien igħaddi mid-dar t'Ommu għall-ħanut, bl-ikel għal San Ġużepp. Imma toħroġ minnek innifsek biex ngħid hekk, meta tinżel fil-għar, fejn kienu jaħdmu San Ġużepp u l-Bambin, li għadu bħal ma kien fi żmienhom; iġġib quddiem għajnejk lix-Xiħ u liż-Żgħażugħ, il-Qaddej ta' ieħor u t-tarġa ogħla mill-oħrajn. Fuq il-bieb hemm ħofra żgħira fejn xi ħadd xiħ kien jitwieżen biex ma jaqax fit-tarġa l-għolja. Trid jew ma tridx, jiġik f'moħħok li dak ix-xiħ sata' kien San Ġużepp. Imbagħad fit-taraġ hemm mogħdija żgħira tinfed għal barra, kemm igħaddi minnha tifel żgħir. Hawn ukoll jagħtik li taħseb li t-tifel li kien igħaddi minnha, kien il-Bambin, meta San Ġużepp kien jibagħtu jġib xi ħaġa mill-għar, biex ma joqgħodx jiftaħ il-bieb. Is-sabiħ ta' l-Imkejjen Imqaddsa dan hu, il-ħsebijiet li jġibu-

lek f'rasek, l-aktar meta jkunu għadhom bla mimsusa bħal ma għadu dan l-għar.

Hekk, mela, morna daqsxejn sa Nazaret u żorna naqra lill-ħanut ta' San Ġużepp, il-Qaddis tal-Ħaddiema, li l-kobor tiegħu jista' jitqies bi ftit kliem: li fid-dinja kien jisma' minnu bħala ibnu l-Iben t'Alla!

Kbir tassew San Ġużepp, u tistħoqqlu qima kbira, u aħna l-foqra u l-ħaddiema għandna għal fejn nitkabbru bih.

FRA ĠUŻEPP.

---

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

# IŻ-ŻWIEĠ TAL-MADONNA

Sikwit naqraw f'dan il-ktejjeb fuq id-drawwiet tan-nies tal-Palestina fiż-żwieġ. Għalhekk jixraq li nkunu nafu xi ħaġa wkoll fuq iż-żwieġ tal-Madonna.

L-ewwelnett għandna nżommu li Marija u Ġużeppi kienu tassew miżżewġin. L-istorja taż-żwieġ tagħhom mhix imsemmija fl-Evanġelju, imma għandna naħsbu li ż-żwieġ sar kif kien isir dak iż-żmien fil-Palestina. Fuq l-għerusija nafu xi ħaġa, imma dak li nafu jixxiebah lil dawk li ma jafux id-drawwiet tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Hekk naqraw fl-Evanġelju ta' San Mattew (1, 18-20) li meta Marija u Ġużeppi kienu għadhom għarajjes, Marija saret omm. Ġużeppi ntebaħ b'dan, u bħalu ntebħu oħrajn. Issa skond il-liġi tal-Lhud għarusa li tonqos mill-kelma lill-għarus tagħha jkun ħaqqha l-mewt. Mela l-għala lil Marija ma tawhiex il-mewt meta raw li saret omm? Tarġa' l-Evanġelju jgħidilna li Marija saret omm "qabel ma qagħdu flimkien"; mela, għandu mnejn wieħed jaħseb, wara kien hemm żmien meta Marija u Ġużeppi qagħdu flimkien bħala miżżewġin. Jekk inhu hekk, fejn hi l-verġinità ta' Marija?

Dan it-tfixkil kollu jdub jekk nagħarfu d-drawwiet taż-żwieġ ta' dak iż-żmien. Iż-żwieġ jibda bl-għerusija. Min jitħajjar minn xi xebba, jitlobha lil missierha u jiftiehmu fuq il-ħlas, għax il-għarus ikun qisu qiegħed jixtri l-għarusa. Wara l-ftehim issir laqgħa u daqsxejn ta' għors. Din il-laqgħa tfisser li l-għarus irid jieħu x-xebba b'martu u li x-xebba trid tieħu ż-żagħżugħ b'żewġha. Wara din il-laqgħa, li dari konna ngħidulha l-*partit*, u llum b'kelma Ingliża jgħidulha *engagement*, kulħadd imur lejn daru. Imbagħad, meta jgħaddi xi ftit taż-żmien, ngħidu aħna xi sena jew ftit iżjed jew ftit anqas, isir it-tieġ. L-għarus flimkien ma' xi żgħażagħ ħbieb tiegħu joħroġ mid-dar u jmur għand l-għarusa li tkun tistennieh flimkien ma' xi xebbiet ħbieb tagħha u jeħodha d-dar tiegħu bid-daqq u l-għana u d-dawl tat-torċi. U hekk l-għarusa tidħol f'dar l-għarus u ssir martu. L-ikel u x-xorb u d-daqq u l-għana u l-ferħ ma jonqsux.

Dak li ma jaqbel xejn mad-drawwiet u l-liġijiet tagħna hu li fi żmien l-għerusija, jew qabel it-tieġ, l-għarajjes, għalkemm kull wieħed qiegħed f'daru, kienu meqjusin bħala miżżewġin u kellhom id-drittijiet ta' miżżewġin. Għalhekk jekk għarusa tonqos lill-għarus, tieħu l-piena tal-mewt bħal waħda miżżewġa li tonqos lil żewġha. U l-għerusija ma kenitx tista' tinħall